IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2021
COM(2021) 719 final

2021/0383 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, it-Tieni Protokoll Addizzjonali dwar il-kooperazzjoni msaħħa u l-iżvelar ta' evidenza elettronika tal-Konvenzjoni "Budapest" tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità ("il-Protokoll").[1] L-għan tal-Protokoll huwa li jipprovdi regoli komuni fil-livell internazzjonali għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità u tal-ġbir ta' evidenza f'forma elettronika għal investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali.

Din il-proposta tikkomplementa proposta separata mill-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("il-Kunsill") li tawtorizza lill-Istati Membri jiffirmaw il-Protokoll fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

Iċ-ċiberkriminalità għadha tirrappreżenta sfida konsiderevoli għas-soċjetà tagħna. Minkejja l-isforzi tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, l-attakki ċibernetiċi, inklużi l-attakki ta' ransomware, qed jiżdiedu u qed isiru aktar kumplessi.[2] B'mod partikolari, minħabba li l-internet ma għandux fruntieri, l-investigazzjonijiet taċ-ċiberkriminalità kważi dejjem ikunu ta' natura transfruntiera, u b'hekk ikunu jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet f'pajjiżi differenti.

L-evidenza elettronika qiegħda ssir dejjem aktar importanti għall-investigazzjonijiet kriminali. Il-Kummissjoni tistma li llum il-ġurnata l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jeħtieġu aċċess għal evidenza elettronika f'85 % tal-investigazzjonijiet kriminali, inkluża ċ-ċiberkriminalità.[3] L-evidenza ta' kwalunkwe reat kriminali kulma jmur qed tinżamm aktar f'forma elettronika mill-fornituri ta' servizzi f'ġurisdizzjonijiet barranin, u rispons effettiv tal-ġustizzja kriminali jeħtieġ miżuri xierqa biex tinkiseb evidenza bħal din biex jiġi rrispettat l-istat tad-dritt.

L-isforzi biex jitjieb l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika għal investigazzjonijiet kriminali jsiru madwar id-dinja, fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-Unjoni Ewropea[4] u f'dak internazzjonali, inkluż permezz tal-Protokoll. Huwa importanti li jiġu żgurati regoli kompatibbli fil-livell internazzjonali biex jiġu evitati kunflitti tal-liġi meta jintalab aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Sfond

Il-Konvenzjoni "ta' Budapest" tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità (CETS Nru 185) ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tiffaċilita l-ġlieda kontra reati kriminali li jużaw in-networks tal-kompjuter. Din (1) fiha dispożizzjonijiet li jarmonizzaw l-elementi tal-liġi kriminali sostantiva domestika ta' reati u dispożizzjonijiet konnessi fil-qasam taċ-ċiberkriminalità, (2) tipprevedi setgħat tal-liġi proċedurali kriminali domestika meħtieġa għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati kif ukoll reati oħra mwettqa permezz ta'

[1] It-test tal-Protokoll huwa inkluż bħala anness għal din il-proposta.
[2] European Union Serious and Organised Crime Threat Assessment 2021 (EU SOCTA 2021).
[3] SWD(2018) 118 final.
[4] COM(2018)225 u 226 final.

sistema tal-kompjuter jew fejn l-evidenza tkun f'forma elettronika, u (3) għandha l-għan li tistabbilixxi reġim rapidu u effettiv ta' kooperazzjoni internazzjonali.

Il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, u dawk li mhumiex membri fuq stedina. Bħalissa, 66 pajjiż huma Partijiet għall-Konvenzjoni, inklużi 26 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.[5] Il-Konvenzjoni ma tipprevedix li l-Unjoni Ewropea tista' taderixxi mal-Konvenzjoni. Madankollu, l-Unjoni Ewropea hija rikonoxxuta bħala Organizzazzjoni Osservatriċi tal-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità (T-CY).[6]

Minkejja l-isforzi biex tiġi nnegozjata konvenzjoni ġdida dwar iċ-ċiberkriminalità fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti[7], il-Konvenzjoni ta' Budapest għadha l-Konvenzjoni multilaterali ewlenija għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. L-Unjoni tappoġġa b'mod konsistenti l-Konvenzjoni[8], anke fil-qafas tal-finanzjament ta' programmi ta' bini ta' kapaċità.[9]

Wara proposti mill-Grupp tal-Evidenza fil-Cloud[10], il-Kumitat dwar il-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità adotta diversi rakkomandazzjonijiet biex jindirizza, inkluż permezz tan-negozjar tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar il-kooperazzjoni internazzjonali msaħħa, l-isfida li kulma jmur l-evidenza elettronika relatata maċ-ċiberkriminalità u reati oħra tkun miżmuma minn provdituri ta' servizz f'ġurisdizzjonijiet barranin, filwaqt li s-setgħat tal-infurzar tal-liġi għadhom limitati mill-fruntieri territorjali. F'Ġunju 2017, il-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità approva t-Termini ta' Referenza għat-tħejjija tat-Tieni Protokoll Addizzjonali matul il-perjodu minn Settembru 2017 sa Diċembru 2019.[11] Fid-dawl tal-ħtieġa għal aktar żmien biex jiġu ffinalizzati d-diskussjonijiet, kif ukoll il-limitazzjonijiet imposti mill-pandemija tal-COVID-19 fl-2020 u l-2021, il-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità sussegwentement estenda t-termini ta' referenza darbtejn, sa Diċembru 2020, u sussegwentement sa Mejju 2021.

Wara s-sejħa mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2018[12], fil-5 ta' Frar 2019 il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati dwar it-tieni Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità[13]. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* adotta opinjoni rigward ir-Rakkomandazzjoni fit-2 ta' April 2019.[14] B'deċiżjoni tas-6 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill tal-

---

5 Kollha ħlief l-Irlanda, li ffirmat iżda ma rratifikatx il-Konvenzjoni, iżda madankollu impenjat ruħha li taħdem fuq l-adeżjoni.

6 Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità (T-CY (2013)25 rev), disponibbli fuq www.coe.int/cybercrime.

7 Ir-Riżoluzzjoni 74/247 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) ta' Diċembru 2019 dwar 'Countering the use of information and communications technologies for criminal purposes'.

8 JOIN(2020) 81 final.

9 Ara pereżempju l-Global Action on Cybercrime Extended (GLACY)+, via https://www.coe.int/en/web/cybercrime/glacyplus.

10 Rapport finali tal-Grupp tal-Evidenza fil-Cloud tal-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità "Criminal justice access to electronic evidence in the cloud: Recommendations for consideration by the T-CY" tas-16 ta' Settembru 2016.

11 https://rm.coe.int/t-cy-terms-of-reference-protocol/1680a03690

12 https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/10/18/20181018-european-council-conslusions/

13 COM(2019) 71 final.

14 EDPS Opinion regarding the participation in the negotiations in view of a Second Additional Protocol to the Budapest Cybercrime Convention of 2 April 2019, Opinion 3/2019.

Unjoni Ewropea awtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati għat-Tieni Protokoll Addizzjonali.[15]

Kif espress fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-2020[16], l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà tal-2020 għad-Deċennju Diġitali[17] u l-Istrateġija tal-UE dwar il-Kriminalità Organizzata tal-2021[18], il-Kummissjoni kienet impenjata għall-konklużjoni rapida u b'suċċess tan-negozjati tal-Protokoll. Il-Parlament Ewropew irrikonoxxa wkoll il-ħtieġa li tiġi konkluża l-ħidma fuq il-Protokoll fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali.[19]

Il-Kummissjoni ħadet sehem, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati għall-Protokoll f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni kkonsultat b'mod konsistenti mal-kumitat speċjali tal-Kunsill għan-negozjati dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni.

F'konformità mal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea[20], il-Kummissjoni żammet ukoll lill-Parlament Ewropew infurmat dwar in-negozjati permezz ta' rapporti bil-miktub u preżentazzjonijiet orali.

Fil-laqgħa plenarja tal-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tat-28 ta' Mejju 2021, il-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità approva l-abbozz tal-Protokoll fil-livell tiegħu u bagħat l-abbozz għall-adozzjoni mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.[21] Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kunsill tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta l-Protokoll.

2.2. It-Tieni Protokoll Addizzjonali

L-għan tal-Protokoll huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità u l-ġbir ta' evidenza f'forma elettronika ta' reat kriminali għall-fini ta' investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali speċifiċi. Il-Protokoll jirrikonoxxi l-ħtieġa għal kooperazzjoni akbar u aktar effiċjenti bejn l-Istati u s-settur privat, u għal aktar ċarezza u ċertezza legali għall-fornituri tas-servizzi u entitajiet oħra rigward iċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jirrispondu għal talbiet diretti mill-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali f'Partijiet oħra għall-iżvelar ta' *data* elettronika.

Il-Protokoll jirrikonoxxi wkoll li l-kooperazzjoni transfruntiera effettiva għall-finijiet tal-ġustizzja kriminali, inkluż bejn l-awtoritajiet tas-settur pubbliku u l-entitajiet tas-settur privat, teħtieġ kundizzjonijiet effettivi u salvagwardji b'saħħithom għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Għal dak il-għan, il-Protokoll jimxi fuq approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u jipprevedi kundizzjonijiet u salvagwardji f'konformità mal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-Konvenzjoni tal-1950 tal-Kunsill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Minħabba li l-evidenza elettronika

[15] Deċiżjoni tal-Kunsill bir-referenza 9116/19.
[16] COM(2020) 605 final.
[17] JOIN(2020) 81 final.
[18] COM(2021) 170 final.
[19] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali
[20] Referenza L 304/47
[21] https://rm.coe.int/0900001680a2aa42

spiss tkun tikkonċerna d-*data* personali, il-Protokoll jinkludi wkoll salvagwardji b'saħħithom għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data* personali.

Id-dispożizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafi li ġejjin huma ta' importanza partikolari għall-Protokoll. Il-Protokoll huwa akkumpanjat minn rapport ta' spjegazzjoni dettaljat. Għalkemm ir-rapport ta' spjegazzjoni ma jikkostitwix strument li jipprovdi interpretazzjoni awtorevoli tal-Protokoll, huwa maħsub biex "jiggwida u jassisti lill-Partijiet" fl-applikazzjoni tal-Protokoll[22].

2.2.1. Dispożizzjonijiet komuni

Il-Kapitolu I tal-Protokoll jipprevedi dispożizzjonijiet komuni. L-Artikolu 2 jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll, f'konformità mal-ambitu tal-Konvenzjoni: japplika għal investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali speċifiċi li jikkonċernaw reati kriminali relatati mas-sistemi u d-*data* tal-kompjuter, u l-ġbir tal-evidenza dwar reat kriminali f'forma elettronika.

Fl-Artikolu 3, hemm inklużi definizzjonijiet fir-rigward ta' "awtoritajiet ċentrali", "awtoritajiet kompetenti", "sitwazzjonijiet ta' emerġenza", "*data* personali" u "Parti trasferenti". Dawn id-definizzjonijiet japplikaw għall-Protokoll, flimkien mad-definizzjonijiet inklużi fil-Konvenzjoni.

L-Artikolu 4 jiddetermina l-lingwi li bihom il-Partijiet jenħtieġ li jagħmlu ordnijiet, talbiet jew notifiki skont il-Protokoll.

2.2.2. Miżuri ta' koperazzjoni

Il-Kapitolu II tal-Protokoll jipprevedi miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni. L-ewwel nett, l-Artikolu 5, il-paragrafu 1, jiddetermina li l-Partijiet għandhom jikkooperaw kemm jista' jkun fuq il-bażi tal-Protokoll. L-Artikolu 5, il-paragrafi minn 2 sa 5, jiddetermina l-applikazzjoni tal-miżuri tal-Protokoll fir-rigward tat-trattati jew l-arranġamenti eżistenti dwar l-assistenza reċiproka. L-Artikolu 5, il-paragrafu 7, jistabbilixxi li l-miżuri fil-Kapitolu II ma għandhomx jirrestringu l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet, jew mal-fornituri ta' servizzi jew entitajiet, permezz ta' ftehimiet, arranġamenti, prattiki, jew liġi domestika applikabbli oħrajn.

L-Artikolu 6 jipprovdi bażi għall-kooperazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet kompetenti f'Parti waħda u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni tal-ismijiet tad-dominju f'Parti oħra, għall-iżvelar tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet tad-dominju.

L-Artikolu 7 jipprovdi bażi għall-kooperazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet kompetenti f'Parti waħda u l-fornituri tas-servizzi f'Parti oħra għall-iżvelar tad-*data* dwar l-abbonati.

L-Artikolu 8 jipprovdi bażi għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet għall-iżvelar ta' *data* tal-kompjuter.

L-Artikolu 9 jipprovdi bażi għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet għall-iżvelar ta' *data* tal-kompjuter f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

L-Artikolu 10 jipprovdi bażi għal assistenza legali reċiproka f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

[22] Ara l-paragrafu 2 tar-rapport ta' spjegazzjoni tal-Protokoll.

L-Artikolu 11 jipprovdi bażi għall-kooperazzjoni permezz ta' vidjokonferenza.

L-Artikolu 12 jipprovdi bażi għal investigazzjonijiet konġunti u skwadri ta' investigazzjoni konġunta.

2.2.3. Salvagwardji

Il-Protokoll jimxi fuq approċċ ibbażat fuq id-drittijiet b'kundizzjonijiet u salvagwardji speċifiċi, li wħud minnhom huma inkorporati fil-miżuri speċifiċi ta' kooperazzjoni, kif ukoll fil-Kapitolu III tal-Protokoll. L-Artikolu 13 tal-Protokoll jirrikjedi li l-Partijiet jiżguraw li s-setgħat u l-proċeduri jkunu soġġetti għal livell xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, li, f'konformità mal-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni, jiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-Artikolu 14 tal-Protokoll jipprevedi l-protezzjoni tad-*data* personali, kif definit fl-Artikolu 3 tal-Protokoll f'konformità mal-Protokoll Emendatorju għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar ta' *Data* Personali (CETS 223) (il-Konvenzjoni 108+) u d-dritt tal-Unjoni.

Fuq dik il-bażi, l-Artikolu 14, il-paragrafi 2 sa 15, jistabbilixxi l-prinċipji fundamentali tal-protezzjoni tad-*data*, inklużi l-limitazzjoni tal-iskop, il-bażi ġuridika, il-kwalità tad-*data* u r-regoli applikabbli għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*, l-obbligi applikabbli għall-kontrolluri, inkluż dwar iż-żamma, iż-żamma ta' rekords, is-sigurtà u fir-rigward ta' trasferimenti ulterjuri, drittijiet individwali infurzabbli, inkluż dwar in-notifika, l-aċċess, ir-rettifika u t-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, is-superviżjoni indipendenti u effettiva minn awtorità waħda jew aktar kif ukoll ir-rimedju amministrattiv u ġudizzjarju. Is-salvagwardji jkopru l-forom kollha ta' kooperazzjoni stabbiliti fil-Protokoll, b'adattamenti fejn meħtieġ biex jiġu indirizzati l-karatteristiċi speċifiċi tal-kooperazzjoni diretta (eż. fil-kuntest tan-notifika ta' ksur). L-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet individwali jista' jiġi ttardjat, limitat jew irrifjutat fejn meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħqu objettivi importanti ta' interess pubbliku, b'mod partikolari biex jiġi evitat ir-riskju għal investigazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi li jkunu għaddejjin, li huwa wkoll konformi mad-dritt tal-Unjoni.

L-Artikolu 14 tal-Protokoll jenħtieġ li jinqara wkoll flimkien mal-Artikolu 23 tal-Protokoll. L-Artikolu 23 isaħħaħ l-effettività tas-salvagwardji fil-Protokoll billi jipprevedi li l-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità jivvaluta l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-miżuri meħuda fil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll. B'mod partikolari, l-Artikolu 23, il-paragrafu 3 jirrikonoxxi espliċitament li l-implimentazzjoni mill-Partijiet tal-Artikolu 14 għandha tiġi vvalutata ladarba għaxar Partijiet għall-Konvenzjoni jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll.

Bħala salvagwardja ulterjuri, skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 15, fejn Parti jkollha evidenza sostanzjali li Parti oħra tkun qed tikser b'mod sistematiku jew materjali s-salvagwardji stabbiliti fil-Protokoll, hija tista' tissospendi t-trasferiment ta' *data* personali lil dik il-Parti wara konsultazzjoni (li mhijiex meħtieġa f'każ ta' urġenza). Kwalunkwe *data* personali trasferita qabel is-sospensjoni għandha tkompli tiġi ttrattata f'konformità ma' dan il-Protokoll.

Fl-aħħar nett, minħabba l-karattru multilaterali tal-Protokoll, l-Artikolu 14, il-paragrafu 1, il-punt b u l-punt c tal-Protokoll jippermettu lill-Partijiet fir-relazzjonijiet bilaterali tagħhom li jaqblu, taħt ċerti kundizzjonijiet, dwar modi alternattivi biex jiżguraw il-protezzjoni tad-*data* personali trasferita skont il-Protokoll. Filwaqt li s-salvagwardji tal-Artikolu 14, il-paragrafi 2 sa 15 japplikaw awtomatikament għall-Partijiet li jirċievu *data* personali, abbażi tal-

Artikolu 14, il-paragrafu 1, il-punt b, il-Partijiet marbutin b'mod reċiproku bi ftehim internazzjonali li jistabbilixxi qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-*data* personali f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-leġiżlazzjoni tal-Partijiet ikkonċernati jistgħu jiddependu wkoll fuq dak il-qafas. Dan jikkonċerna pereżempju l-Konvenzjoni 108+ (għal dawk il-Partijiet li jippermettu trasferimenti ta' *data* lil Partijiet oħra skont dik il-konvenzjoni) jew il-Ftehim Komprensiv bejn l-UE u l-Istati Uniti (fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, jiġifieri għat-trasferiment ta' *data* personali bejn l-awtoritajiet u, flimkien ma' arranġament speċifiku ta' trasferiment bejn l-Istati Uniti u l-UE, għall-kooperazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet u l-fornituri tas-servizzi). Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 14, il-paragrafu 1, il-punt c, il-Partijiet jistgħu wkoll jiddeterminaw b'mod reċiproku li t-trasferiment ta' *data* personali jseħħ abbażi ta' ftehimiet jew arranġamenti oħra bejn il-Partijiet ikkonċernati. Għall-Istati Membri tal-UE, tali ftehim jew arranġament alternattiv jista' jintuża biss għat-trasferimenti tad-data skont il-Protokoll jekk tali trasferimenti jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, jiġifieri l-Kapitolu V tad-Direttiva (UE) 2016/680 (id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi) u (għal kooperazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet u l-fornituri tas-servizzi skont l-Artikoli 6 u 7 tal-Protokoll) il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

2.2.4. Dispożizzjonijiet finali

Il-Kapitolu IV tal-Protokoll jipprevedi d-dispożizzjonijiet finali. Fost affarijiet oħra, l-Artikolu 15, il-paragrafu 1, il-punt a, jiżgura li l-Partijiet ikunu jistgħu jistabbilixxu r-relazzjonijiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fil-Protokoll mod ieħor, f'konformità mal-Artikolu 39, il-paragrafu 2, tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 15, il-paragrafu 1, il-punt b, jiżgura li l-Istati Membri tal-UE li huma Parti għall-Protokoll jistgħu jkomplu japplikaw il-liġi tal-Unjoni fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom. L-Artikolu 15, il-paragrafu 2, jiddetermina wkoll li l-Artikolu 39, il-paragrafu 3, tal-Konvenzjoni japplika għall-Protokoll.

L-Artikolu 16, il-paragrafu 3, jindika li l-Protokoll ser jidħol fis-seħħ ladarba ħames Partijiet għall-Konvenzjoni jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll.

L-Artikolu 19, il-paragrafu 1, jipprevedi li l-Partijiet jistgħu jagħmlu użu minn riżervi fir-rigward tal-Artikolu 7, il-paragrafi 9, il-punt a, u 9 punt b, l-Artikolu 8, il-paragrafu 13, u l-Artikolu 17. L-Artikolu 19, il-paragrafu 2, jipprevedi li l-Partijiet jistgħu jagħmlu dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-Artikolu 7, il-paragrafi 2, il-punt b, u 8, l-Artikolu 8, il-paragrafu 11, l-Artikolu 9, il-paragrafu 1, il-punt b, u 5, l-Artikolu 10, il-paragrafu 9, l-Artikolu 12, il-paragrafu 3, u l-Artikolu 18, il-paragrafu 2. L-Artikolu 19, il-paragrafu 3, jiddetermina li Parti għandha tagħmel dikjarazzjonijiet, notifiki jew komunikazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 7, il-paragrafu 5 il-punt a u il-punt e, Artikolu 8, il-paragrafi 4 u 10 il-punti a u b, Artikolu 14, il-paragrafu 7 il-punt c u 10 punt b, u l-Artikolu 17, paragrafu 2.

L-Artikolu 23, il-paragrafu 1, jipprovdi bażi għal konsultazzjonijiet fost il-Partijiet, inkluż permezz tal-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità, f'konformità mal-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 23, il-paragrafu 2, jipprovdi wkoll bażi għall-valutazzjoni tal-użu u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll. L-Artikolu 23, il-paragrafu 3, jiżgura li l-valutazzjoni tal-użu u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 14 dwar il-protezzjoni tad-*data* għandha tibda ladarba għaxar Partijiet ikunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll.

2.3. Id-dritt u l-politika tal-Unjoni fil-qasam

Il-qasam irregolat mill-Protokoll huwa fil-biċċa l-kbira kopert minn regoli komuni bbażati fuq l-Artikoli 82(1) u 16 tat-TFUE. Il-qafas legali attwali tal-Unjoni Ewropea jinkludi b'mod

partikolari strumenti dwar l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, bħad-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali, il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/465/ĠAI dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta. Esternament, l-Unjoni Ewropea kkonkludiet għadd ta' ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, bħall-Ftehimiet dwar l-Assistenza Legali Reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika , bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun, u bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja u l-Iżlanda. Il-qafas legali attwali tal-Unjoni Ewropea jinkludi wkoll ir-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"). Jenħtieġ li l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa jiżguraw li l-UPPE jkun jista', fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu kif previst fl-Artikoli 22, 23 u 25 tar-Regolament (UE) 2017/1939, ifittex kooperazzjoni skont il-Protokoll bl-istess mod bħall-prosekuturi nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri. Dawn l-istrumenti u ftehimiet huma relatati, b'mod partikolari, mal-Artikoli 8, 9, 10, 11 u 12 tal-Protokoll.

Barra minn hekk, l-Unjoni adottat diversi direttivi li jsaħħu d-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u akkużati.[23] Dawn l-istrumenti jirrigwardaw, b'mod partikolari, l-Artikoli 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12 u 13 tal-Protokoll. Sett partikolari ta' salvagwardji jikkonċerna l-protezzjoni tad-*data* personali, li huwa dritt fundamentali minqux fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Id-*data* personali tista' tiġi pproċessata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) u d-Direttiva (UE) 2016/680 (id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi). Id-dritt fundamentali ta' kull persuna għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjonijiet tagħha jinkludi r-rispett tal-privatezza tal-komunikazzjonijiet ta' persuna bħala element essenzjali. Id-*data* tal-komunikazzjoni elettronika tista' tiġi pproċessata biss skont id-Direttiva 2002/58/KE (id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika). Dawn l-istrumenti jirrigwardaw, b'mod partikolari, l-Artikolu 14 tal-Protokoll.

L-Artikolu 14, il-paragrafi minn 2 sa 15 tal-Protokoll jipprevedi salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-*data* skont it-tifsira tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari l-Artikolu 46 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u l-Artikolu 37 tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, u l-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. F'konformità mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni[24] u sabiex tiġi ggarantita l-

[23] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1; Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1; Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1; Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1; Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma ssuspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU L 132 tal-21.5.2016, p. 1; Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1; Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali.

[24] Ara l-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja), Opinjoni 1/15, ECLI:EU:C:2017:592, il-paragrafu 220. Ara wkoll il-kontribut tal-EDPB għall-konsultazzjoni dwar abbozz tat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-

effettività tas-salvagwardji stipulati fl-Artikolu 14 tal-Protokoll, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-individwi li d-*data* tagħhom tkun ġiet trasferita jiġu notifikati, soġġett għal ċerti restrizzjonijiet, pereżempju sabiex jiġi evitat li jiġu pperikolati investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin. L-Artikolu 14, il-paragrafu 11, il-punt c tal-Protokoll jipprovdi bażi biex l-Istati Membri jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

Il-kompatibbiltà tal-Artikolu 14, il-paragrafu 1, tal-Protokoll mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jikkunsidraw dan li ġej fir-rigward ta' modi alternattivi possibbli biex jiżguraw il-protezzjoni xierqa tad-*data* personali trasferita skont il-Protokoll. Fir-rigward ta' ftehimiet internazzjonali oħra li jistabbilixxu qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-*data* personali f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-leġiżlazzjoni tal-Partijiet ikkonċernati, skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 1, il-punt b, l-Istati Membri għandhom iqisu li, għall-kooperazzjoni diretta, il-Ftehim Komprensiv bejn l-UE u l-Istati Uniti jeħtieġ li jiġi kkomplementat b'salvagwardji addizzjonali — li għandhom jiġu pprovduti f'arranġament ta' trasferiment speċifiku bejn l-Istati Uniti u l-UE/l-Istati Membri tagħha — li jqisu r-rekwiżiti uniċi tat-trasferiment ta' evidenza elettronika direttament mill-fornituri tas-servizzi minflok bejn l-awtoritajiet[25].

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 1, il-punt b, tal-Protokoll, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li, għall-Istati Membri tal-UE li huma Partijiet għall-Konvenzjoni 108+, dik il-Konvenzjoni waħedha ma tipprovdix bażi xierqa għat-trasferimenti transfruntiera tad-*data* skont il-Protokoll lil Partijiet oħra għal dik il-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jikkunsidraw l-aħħar sentenza tal-Artikolu 14, il-paragrafu 1, tal-Konvenzjoni 108+[26].

Finalment, fir-rigward ta' ftehimiet jew arranġamenti oħra skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 1, il-punt c, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li huma jistgħu jiddependu biss fuq tali ftehimiet jew arranġamenti oħra jekk il-Kummissjoni Ewropea tkun adottat deċiżjoni ta' adegwatezza skont l-Artikolu 45 tar-Regolament Ġenerali (UE) 2016/679 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jew l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680 dwar l-Infurzar tal-Liġi għall-pajjiż terz ikkonċernat li jkopri t-trasferimenti tad-*data* rispettivi, jew jekk tali ftehim jew arranġament ieħor innifsu jiżgura salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 46 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jew l-Artikolu 37, il-paragrafu 1, il-punt a, tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi.

Għandu jittieħed kont mhux biss tad-dritt tal-Unjoni kif inhu bħalissa fil-qasam ikkonċernat, iżda wkoll tal-iżvilupp futur tiegħu, sa fejn dan huwa prevedibbli fiż-żmien tal-analiżi. Il-

---

Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità (il-Konvenzjoni ta' Budapest), 13 ta' Novembru 2019, p. 6 ("L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li ngħatalhom aċċess għad-*data* għandhom jinnotifikaw lill-persuni affettwati, skont il-proċeduri nazzjonali applikabbli, malli dik in-notifika ma tibqax tista' tipperikola l-investigazzjonijiet li jkunu qed jitwettqu minn dawk l-awtoritajiet. ... In-notifika hija meħtieġa biex tippermetti lill-persuni affettwati jeżerċitaw, fost l-oħrajn, id-dritt tagħhom għal rimedju legali u d-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* tagħhom").

[25] Din hija r-raġuni għaliex id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2019 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati bil-ħsieb ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (9114/19) fid-direttivi ta' negozjati tagħha fiha għadd ta' salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-*data*. B'mod partikolari, id-direttivi ta' negozjar jistipulaw li jenħtieġ li l-ftehim jikkomplementa l-Ftehim Umbrella b'salvagwardji addizzjonali li jqisu l-livell ta' sensittività tal-kategoriji tad-data kkonċernati u r-rekwiżiti uniċi tat-trasferiment tal-evidenza elettronika direttament mill-provdituri ta' servizzi minflok bejn l-awtoritajiet u trasferimenti mill-awtoritajiet kompetenti direttament lill-provdituri ta' servizz.

[26] Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni għall-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali, 10 ta' Ottubru 2018, il-punti 106–107.

qasam kopert mill-Protokoll huwa ta' rilevanza diretta għall-iżviluppi futuri prevedibbli tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġu nnutati l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika ta' April 2018.[27] Dawn l-istrumenti jirrigwardaw, b'mod partikolari, l-Artikolu 6 u 7 tal-Protokoll.

Il-Kummissjoni, hija u tipparteċipa fin-negozjati f'isem l-Unjoni, żgurat li l-Protokoll ikun kompletament kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi tal-Istati Membri skont dan il-Protokoll. B'mod partikolari, il-Kummissjoni żgurat li d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll jippermettu lill-Istati Membri jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, il-libertajiet u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif minquxa fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inklużi l-proporzjonalità, id-drittijiet proċedurali, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet tad-difiża ta' persuni soġġetti għal proċedimenti kriminali kif ukoll il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali u tad-*data* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi meta tali *data* tiġi pproċessata, inklużi trasferimenti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea, u kwalunkwe obbligu li jaqa' fuq l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni qieset ukoll l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*[28], u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.[29]

Barra minn hekk, il-Kummissjoni żgurat li d-dispożizzjonijiet fil-Protokoll u fil-proposti tal-Kummissjoni dwar l-evidenza elettronika huma kompatibbli, inkluż matul l-evoluzzjoni tal-abbozz tal-leġiżlazzjoni fit-taħditiet mal-koleġiżlaturi, u li l-Protokoll ma jwassalx għal kunflitti tad-dritt. B'mod partikolari, il-Kummissjoni żgurat li l-Protokoll jinkludi salvagwardji xierqa tal-protezzjoni tad-*data* u tal-privatezza, li jippermettu lill-fornituri ta' servizzi tal-UE jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza, sa fejn il-Protokoll jipprovdi bażi legali għal trasferimenti ta' *data* b'reazzjoni għal ordnijiet jew talbiet maħruġa minn awtorità minn Parti mhux tal-UE għall-Protokoll li tirrikjedi li kontrollur jew proċessur tal-UE jiżvela *data* personali jew *data* ta' komunikazzjoni elettronika.

2.4. Riżervi, dikjarazzjoni, notifika u komunikazzjonijiet, u kunsiderazzjonijiet oħra

Il-Protokoll jipprovdi bażi għall-Partijiet biex jagħmlu użu minn ċerti riżervi, u biex jagħmlu dikjarazzjonijiet, notifika jew komunikazzjonijiet fir-rigward ta' ċerti artikoli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu approċċ uniformi għal ċerti riżervi u dikjarazzjonijiet, notifiki u komunikazzjonijiet kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-implimentazzjoni tal-Protokoll mad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri tal-UE jieħdu l-pożizzjoni stabbilita hawn taħt fir-rigward ta' dawk ir-riżervi u d-dikjarazzjonijiet. Fejn il-Protokoll jipprovdi bażi għal riżervi, dikjarazzjonijiet, notifiki jew komunikazzjonijiet oħra, din il-proposta tawtorizza lill-Istati Membri biex jikkunsidraw u jagħmlu r-riżervi, id-dikjarazzjonijiet, in-notifiki jew il-komunikazzjonijiet tagħhom stess.

---

[27] COM(2018) 225 u 226 final.

[28] EDPS Opinion regarding the participation in the negotiations in view of a Second Additional Protocol to the Budapest Cybercrime Convention of 2 April 2019, Opinion 3/2019.

[29] Inkluż "EDPB contribution to the consultation on a draft second additional protocol to the Council of Europe Convention on Cybercrime (Budapest Convention) of 13 November 2019"; "Statement 02/201 on new draft provisions of the second additional protocol to the Council of Europe Convention on Cybercrime (Budapest Convention) as adopted on 2 February 2021"; "EDPB Contribution to the 6th round of consultations on the draft Second Additional Protocol to the Council of Europe Budapest Convention on Cybercrime of 4 May 2021".

Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà bejn id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll u l-liġi u l-politiki rilevanti tal-Unjoni, l-Istati Membri ma għandhomx jagħmlu użu mir-riżervi skont l-Artikolu 7, il-paragrafi 9, il-punt a[30] u il-punt b[31]. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu d-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 2, il-punt b[32], u n-notifika skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 5, il-punt a[33]. In-nuqqas ta' dawn ir-riżervi, u l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni u n-notifika, huma importanti biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-Protokoll mal-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni dwar l-evidenza elettronika, inkluż waqt li l-abbozz ta' leġiżlazzjoni jevolvi fit-taħditiet mal-koleġiżlaturi.

Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-Protokoll mill-Istati Membri tal-UE fil-kooperazzjoni tagħhom ma' Partijiet li mhumiex Stati Membri tal-UE, l-Istati Membri huma mħeġġa biex ma jagħmlux użu mir-riżerva skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 13[34], anke minħabba li tali riżerva jkollha effett reċiproku[35]. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu d-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 4, biex jiżguraw li l-ordnijiet jistgħu jingħataw effett f'każ li tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali ta' appoġġ, pereżempju dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ inkwistjoni sabiex jiġu vvalutati l-proporzjonalità u n-neċessità[36].

L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll joqogħdu lura milli jagħmlu d-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 9, il-paragrafu 1, il-punt b[37], sabiex jiżguraw applikazzjoni effiċjenti tal-Protokoll.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-komunikazzjonijiet skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 5, il-punt e[38], l-Artikolu 8, il-paragrafu 10, il-punt a u l-punt b[39], l-Artikolu 14, il-paragrafu 7, il-punt c, u l-paragrafu 10, il-punt b, sabiex jiżguraw applikazzjoni effettiva tal-Protokoll[40].

---

[30] Li tippermetti lill-Partijiet jirriżervaw id-dritt li ma japplikawx l-Artikolu 7 (l-iżvelar tad-*data* dwar l-abbonati).

[31] Li tippermetti lill-Partijiet jirriżervaw id-dritt li ma japplikawx l-Artikolu 7 (żvelar ta' *data* dwar l-abbonati) għal ċerti tipi ta' numri ta' aċċess jekk dan ikun inkonsistenti mal-prinċipji fundamentali tas-sistema legali domestika tagħha.

[32] Li tippermetti lill-Partijiet jiddikjaraw li l-ordni skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 1 (l-iżvelar ta' *data* dwar l-abbonati), trid tinħareġ minn, jew taħt is-superviżjoni ta', prosekutur jew awtorità ġudizzjarja oħra, jew inkella tinħareġ taħt superviżjoni indipendenti.

[33] Li tippermetti lill-Partijiet jinnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa li meta tinħareġ ordni bis-saħħa tal-Artikolu 7, il-paragrafu 1 (żvelar ta' *data* dwar l-abbonati), lil provditur ta' servizzi fit-territorju tagħha, il-Parti teħtieġ, f'kull każ jew f'ċirkostanzi identifikati, notifika simultanja tal-ordni, l-informazzjoni supplimentari u sommarju tal-fatti relatati mal-investigazzjoni jew il-proċediment.

[34] Li tippermetti lill-Partijiet jirriżervaw id-dritt li ma japplikawx l-Artikolu 8 (li jagħti effett lill-ordnijiet minn Parti oħra) għad-*data* dwar it-traffiku.

[35] Ara l-paragrafu 147 tar-rapport ta' spjegazzjoni tal-Protokoll li jiddetermina li "Parti li tirriżerva għal dan l-artikolu ma tistax tissottometti ordnijiet għal data dwar it-traffiku lil Partijiet oħra skont [l-Artikolu 8,] il-paragrafu 1".

[36] Li tippermetti lill-Partijiet jiddikjaraw li hija meħtieġa informazzjoni ta' sostenn addizzjonali biex jingħata effett lill-ordnijiet skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 1 (li jagħti effett lill-ordnijiet minn Parti oħra).

[37] Li tippermetti lill-Partijiet jiddikjaraw li mhumiex se jeżegwixxu talbiet skont l-Artikolu 9, il-paragrafu 1, il-punt a, (żvelar imħaffef ta' data tal-kompjuter f'emerġenza) li jkunu qed ifittxu biss l-iżvelar tad-*data* dwar l-abbonati.

[38] Li tippermetti lill-Partijiet jikkomunikaw id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità li jkunu ddeżinjaw biex tirċievi notifika skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 5, il-punt a, u jwettqu l-azzjonijiet deskritti fl-Artikolu 7, il-paragrafu 5, il-punti b, c u d (żvelar ta' *data* dwar l-abbonati).

[39] Li tippermetti lill-Partijiet jikkomunikaw l-informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet maħtura biex jissottomettu u jirċievu ordnijiet skont l-Artikolu 8 (li jagħti effett lill-ordnijiet minn Parti oħra). F'konformità mar-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandhom jinkludu lill-UPPE fil-komunikazzjoni.

Finalment, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu wkoll il-miżuri meħtieġa skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 11, il-punt c, biex jiżguraw li l-Parti riċeventi tkun infurmata fil-ħin tat-trasferiment dwar l-obbligu skont id-dritt tal-Unjon li tipprovdi notifika lill-individwu li miegħu tkun relatata d-*data*[41], u dettalji ta' kuntatt xierqa biex jippermettu lill-Parti riċeventi tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-UE ladarba r-restrizzjonijiet ta' kunfidenzjalità ma jibqgħux japplikaw u tkun tista' tingħata notifika.

2.5. Raġuni għall-proposta

Il-Protokoll se jidħol fis-seħħ ladarba ħames Partijiet ikunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16, il-paragrafi 1 u 2. Iċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-Protokoll hija prevista li ssir f'Marzu 2022.

Jenħtieġ li l-Istati Membri tal-UE jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw id-dħul fis-seħħ u r-ratifika malajr tal-Protokoll, li huwa importanti fid-dawl ta' għadd ta' fatturi.

L-ewwel nett, il-Protokoll se jiżgura li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jkunu mgħammra aħjar biex jiksbu l-evidenza elettronika meħtieġa għall-investigazzjonijiet kriminali. Fid-dawl tal-importanza dejjem akbar tal-evidenza elettronika għall-investigazzjonijiet kriminali, hemm ħtieġa urġenti li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jkollhom l-istrumenti adatti biex jiksbu aċċess għall-evidenza elettronika b'mod effettiv biex jiżguraw li jkunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv il-kriminalità online.

It-tieni, il-Protokoll se jiżgura li tali miżuri biex jinkiseb aċċess għall-evidenza elettronika se jintużaw b'mod li jippermetti lill-Istati Membri jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet proċedurali kriminali, id-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali. Fin-nuqqas ta' regoli ċari fil-livell internazzjonali, il-prattiki eżistenti jistgħu joħolqu sfidi fid-dawl taċ-ċertezza legali, it-trasparenza, l-akkontabilità u r-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-garanziji proċedurali tal-persuni suspettati f'investigazzjonijiet kriminali.

It-tielet, il-Protokoll se jsolvi u jipprevjeni l-kunflitti tal-liġi, li jaffettwaw kemm l-awtoritajiet kif ukoll il-fornituri tas-servizzi tas-settur privat u entitajiet oħra, billi jipprovdi regoli kompatibbli fil-livell internazzjonali għall-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika.

Ir-raba', il-Protokoll ser juri kemm għadha importanti l-Konvenzjoni bħala l-qafas multilaterali ewlieni għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. Dan ser ikun ta' importanza ewlenija fil-proċess wara r-Riżoluzzjoni 74/247 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) ta' Diċembru 2019 "Countering the use of information and communications technologies for criminal purposes" (Il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għal finijiet kriminali) li stabbiliet kumitat intergovernattiv *ad hoc* b'mandat indefinit biex jistabbilixxi konvenzjoni internazzjonali dwar il-ġlieda tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għal finijiet kriminali.

3. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- *Bażi ġuridika*

---

[40] Jippermettu lill-partijiet jikkomunikaw l-awtorità jew l-awtoritajiet li jridu, rispettivament, jiġu notifikati f'każ ta' inċident ta' sigurta, jew jiġu kkuntattjati biex tingħata awtorizzazzjoni preliminari fil-każ ta' trasferiment ulterjuri lejn Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali.

[41] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 24 ta' hawn fuq.

Il-kompetenza tal-Unjoni li tilleġiżla dwar kwistjonijiet dwar il-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti fir-rigward ta' proċedimenti f'materji kriminali u l-infurzar ta' deċiżjonijiet hija bbażata fuq l-Artikolu 82(1) TFUE. Il-kompetenza tal-Unjoni għal kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* personali hija bbażata fuq l-Artikolu 16 TFUE.

F'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE l-Unjoni għandha l-kompetenza esklużiva li tikkonkludi ftehim internazzjonali sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' tolqot xi regoli komuni tal-UE jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll jaqgħu f'qasam kopert estensivament minn regoli komuni kif stabbilit fit-taqsima 2.3 hawn fuq.

Il-Protokoll għalhekk jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, ir-ratifika tal-Protokoll mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni, tista' ssir abbażi tal-Artikoli 16, 82(1) u 218(6) tat-TFUE.

- *Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)*

Mhux applikabbli.

- *Proporzjonalità*

L-objettivi tal-Unjoni fir-rigward ta' din il-proposta kif stabbiliti fit-taqsima 2.5 hawn fuq jistgħu jinkisbu biss billi jsir ftehim internazzjonali vinkolanti li jipprevedi l-miżuri ta' kooperazzjoni meħtieġa filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni xierqa tad-drittijiet fundamentali. Il-Protokoll jikseb dan l-objettiv. Id-dispożizzjonijiet tal-protokoll huma limitati għal dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-objettivi ewlenin tiegħu. L-azzjoni unilaterali ma tipprovdix alternattiva peress li ma tipprovdix bażi suffiċjenti għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE u ma tistax tiżgura l-protezzjoni meħtieġa tad-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, l-adeżjoni ma' ftehim multilaterali bħall-Protokoll, li l-Unjoni kienet kapaċi tinnegozja, hija aktar effiċjenti milli jsiru negozjati ma' pajjiżi individwali mhux tal-UE fil-livell bilaterali. Bis-suppożizzjoni li s-66 Parti kollha, kif ukoll il-Partijiet ġodda futuri, għall-Konvenzjoni se jirratifikaw il-Protokoll, il-Protokoll se jipprovdi qafas legali komuni għall-kooperazzjoni tal-Istati Membri tal-UE mas-sħab internazzjonali l-aktar importanti tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

- ***Għażla tal-istrument***

Mhux applikabbli.

4. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- *Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti*

Mhux applikabbli.

- *Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati*

Il-Kunsill tal-Ewropa organizza sitt ċikli ta' konsultazzjonijiet pubbliċi fir-rigward tan-negozjati tal-Protokoll, f'Lulju u Novembru 2018, fi Frar u Novembru 2019, f'Diċembru

2020, u f'Mejju 2021[42]. Il-partijiet ikkunsidraw l-input riċevut bħala parti minn dawn il-konsultazzjonijiet.

Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala negozjatur f'isem l-Unjoni, skambjat ukoll fehmiet mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, u organizzat laqgħat ta' konsultazzjoni mmirati matul l-2019 u l-2021 mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-fornituri ta' servizzi, u mal-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ. Il-Kummissjoni qieset l-input li rċeviet minn dawn l-iskambji.

- *Ġbir u użu tal-għarfien espert*

Fil-proċess tan-negozjati, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod konsistenti lill-kumitat speċjali tal-Kunsill għan-negozjati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Ġunju 2019 li tawtorizza lill-Kummissjoni tipparteċipa fin-negozjati f'isem l-Unjoni, li pprovdiet opportunità lill-esperti tal-Istati Membri biex jikkontribwixxu biex tiġi fformulata l-pożizzjoni tal-Unjoni. Għadd ta' esperti mill-Istati Membri komplew ukoll jipparteċipaw fin-negozjati, flimkien mal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati (ara hawn fuq).

- *Valutazzjoni tal-impatt*

Fl-2017–2018 twettqet valutazzjoni tal-impatt biex takkumpanja l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-evidenza elettronika[43]. F'dan il-kuntest, in-negozjati għal ftehim dwar it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità kienu parti mill-għażla ppreferuta. Barra minn hekk, l-impatti rilevanti huma ppreżentati f'dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.

- *Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni*

Il-Protokoll jista' jkollu implikazzjonijiet għal ċerti kategoriji ta' fornituri ta' servizzi, inklużi Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs), peress li dawn jistgħu jkunu soġġetti għal talbiet u ordnijiet għal evidenza elettronika skont il-Protokoll. Madankollu, bħalissa, dawn il-fornituri ħafna drabi se jkunu diġà soġġetti għal talbiet bħal dawn permezz ta' kanali eżistenti oħra, xi drabi trażmessi permezz ta' awtoritajiet differenti, inkluż abbażi tal-Konvenzjoni[44], trattati oħra ta' għajnuna legali reċiproka, jew oqfsa oħra inklużi politiki dwar il-governanza tal-internet b'diversi partijiet ikkonċernati[45]. Barra minn hekk, il-fornituri tas-servizzi, inklużi l-SMEs, se jibbenefikaw minn qafas legali ċar fil-livell internazzjonali u approċċ komuni mill-Partijiet kollha għall-Protokoll.

- *Drittijiet fundamentali*

L-istrumenti ta' kooperazzjoni skont il-Protokoll aktarx jaffettwaw id-drittijiet fundamentali fejn id-*data* ta' persuna tista' tinkiseb fil-kuntest ta' proċediment kriminali, inkluż pereżempju d-dritt ta' proċess ġust, id-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali. Il-Protokoll jimxi fuq approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u jipprevedi kundizzjonijiet u

[42] https://www.coe.int/en/web/cybercrime/protocol-consultations

[43] SWD(2018) 118 final.

[44] Ara pereżempju n-Nota ta' Gwida 10 tal-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-1 ta' Marzu 2017 dwar ordnijiet ta' produzzjoni għal informazzjoni dwar l-abbonati (l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Budapest).

[45] Ara pereżempju r-Riżoluzzjoni tal-Bord tal-Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati (ICANN) tal-15 ta' Mejju 2019 dwar ir-Rakkomandazzjonijiet dwar l-Ispeċifikazzjoni Temporanja għad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-gTLD, disponibbli fuq www.icann.org.

salvagwardji f'konformità mal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-Konvenzjoni tal-1950 tal-Kunsill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. B'mod partikolari, il-Protokoll jipprevedi salvagwardji speċifiċi għall-protezzjoni tad-*data*. Fejn meħtieġ, il-Protokoll jipprovdi wkoll bażi għall-Partijiet biex jagħmlu ċerti riżervi, dikjarazzjonijiet jew notifiki, u jinkludi raġunijiet għaċ-ċaħda ta' kooperazzjoni b'risposta għal talba f'sitwazzjonijiet speċifiċi. Dan jiżgura l-kompatibbiltà tal-Protokoll mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri jista' jkollhom spejjeż ta' darba għall-implimentazzjoni tal-Protokoll u jista' jkun hemm spejjeż ogħla għall-awtoritajiet tal-Istati Membri minħabba ż-żieda mistennija fl-għadd ta' każijiet.

6. ELEMENTI OĦRA

- *Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar*

Ma hemm l-ebda pjan ta' implimentazzjoni peress li, wara l-iffirmar u r-ratifika tiegħu, l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jimplimentaw il-Protokoll.

Fir-rigward tal-monitoraġġ, il-Kummissjoni se tieħu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità, li fih l-Unjoni Ewropea hija rikonoxxuta bħala Organizzazzjoni Osservatriċi.

2021/0383 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16, 82(1) u 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa, f'isem l-Unjoni, fin-negozjati għat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità.

(2) It-test tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar il-kooperazzjoni msaħħa u l-iżvelar ta' evidenza elettronika ("il-Protokoll") ġie adottat mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2021 u huwa previst li jinfetaħ għall-iffirmar f'Marzu 2022.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll jaqgħu f'qasam kopert fil-biċċa l-kbira minn regoli komuni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) TFUE, inklużi strumenti li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jiżguraw standards minimi ta' drittijiet proċedurali, kif ukoll protezzjoni tad-*data* u salvagwardji tal-privatezza.

(4) Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposti leġiżlattivi għal Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali (COM(2018)225 final), u għal Direttiva li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini tal-ġbir tal-evidenza fi proċedimenti kriminali li jintroduċu (COM(2018)226 final), Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni transfruntiera vinkolanti li għandhom jiġu indirizzati direttament lil rappreżentant ta' provditur ta' servizz fi Stat Membru ieħor.

(5) Bil-parteċipazzjoni tagħha fin-negozjati, f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni żgurat il-kompatibbiltà tat-Tieni Protokoll Addizzjonali mar-regoli komuni rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

(6) Għadd ta' riżervi, dikjarazzjonijiet, notifiki u komunikazzjonijiet huma rilevanti biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-Protokoll mad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, kif ukoll l-applikazzjoni uniformi tal-Protokoll fost l-Istati Membri tal-UE fir-relazzjoni tagħhom ma' Partijiet mhux tal-UE, u l-applikazzjoni effettiva tal-Protokoll.

(7) Minħabba li l-Protokoll jipprevedi proċeduri rapidi li jtejbu l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika u livell għoli ta' salvagwardji, id-dħul fis-seħħ se jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u forom oħra ta' kriminalità fil-

livell globali billi jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Partijiet tal-UE u l-Istati Partijiet għall-Protokoll li mhumiex Stati Membri tal-UE, se jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-individwi, u se jindirizza l-kunflitti tal-liġijiet.

(8) Minħabba li l-Protokoll jipprevedi salvagwardji xierqa f'konformità mar-rekwiżiti għal trasferimenti internazzjonali ta' *data* personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680, id-dħul fis-seħħ tiegħu se jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-istandards tal-protezzjoni tad-*data* tal-Unjoni fil-livell globali, jiffaċilita l-flussi tad-*data* bejn l-Istati Membri tal-UE li huma Partijiet u l-Partijiet għall-Protokoll li mhumiex Stati Membri tal-UE, u se jiżgura l-konformità tal-Istati Membri tal-UE mal-obbligi tagħhom skont ir-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

(9) Barra minn hekk, id-dħul fis-seħħ rapidu ser jikkonferma wkoll il-pożizzjoni tal-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa bħala l-qafas multilaterali ewlieni għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità.

(10) L-Unjoni Ewropea ma tistax issir Parti għall-Protokoll, peress li kemm il-Protokoll kif ukoll il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità huma miftuħa għall-istati biss.

(11) Jenħtieġ għalhekk li l-Istati Membri jkunu awtorizzati jirratifikaw il-Protokoll Emendatorju, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

(12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill , u ta l-opinjoni tiegħu fi …

(13) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.]

[JEW]

[F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda nnotifikat [, permezz tal-ittra tagħha ta' ... ,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.]

(14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati li jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika ("il-Protokoll").

Artikolu 2

Meta jirratifikaw il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riżervi, id-dikjarazzjonijiet, in-notifiki jew il-komunikazzjonijiet li huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President